# L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi

## Kategorija tal-prassi: L-Implimentazzjoni ta' Għodod għat-Taħriġ li Jiffavorixxu l-Applikazzjoni Korretta tad-Dritt tal-UE u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali

Tip ta' prassi: Prassi mhux klassifikata

Pajjiż: Il-Portugall

April, 2014

| **Isem tal-prassi** | L-Aċċess għad-Dritt tal-UE permezz ta' Mezzi Elettroniċi |
|---|---|
| *Karatteristiċi ewlenin:* | Fil-**Portugall**, iċ-ċentru għat-taħriġ ġudizzjarju jistabbilixxi rabta diretta bejn l-attivitajiet ta' taħriġ u l-aċċess għad-dritt tal-UE permezz ta' mezzi elettroniċi.<br><br>Flimkien mad-dokumentazzjoni li tingħata lill-parteċipanti fi kwalunkwe attività ta' taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet ġuridiċi, iċ-ċentru għat-taħriġ joħloq ukoll fajl speċjali li jiġbor l-istrumenti ġuridiċi kollha tal-UE li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni ma' dik l-istess tema.<br><br>Dan il-fajl jitħejja minn ħarrieġ fid-dritt tal-UE. Bħall-materjal kollu l-ieħor ta' taħriġ dwar din l-attività, il-fajl huwa disponibbli onlajn f'parti mill-websajt taċ-ċentru għat-taħriġ li hija aċċessibbli għal kulħadd. |
| *Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni* | Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji<br>Largo do Limoeiro<br>1149-048 Lisbona<br>Il-Portugall<br>Telefon: + 351 21 884 56 00<br>Faks: + 351 21 884 56 04<br>Posta Elettronika: cej@mail.cej.mj.pt<br>Websajt: www.cej.mj.pt |
| *Kummenti oħrajn* | Din il-prassi tifforma parti minn prassi ġenerali li ġġib l-isem ta' *"Approċċ Komprensiv u Pluridimensjonali għat-Taħriġ fid-Dritt tal-UE u fil-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali"*. |

Sors: **Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: *"Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi", magħmul min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)***